MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1754/1998/1

**Tereza Xuereb f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* tat-tfal minuri taghha Charlene u Rodianne.**

**vs.**

**Lawrence Xuereb.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 31 ta' Awissu 1998 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici Tereza u l-konvenut Lawrence Xeureb izzewgu fis-6 ta' Ottubru 1983 (skond l-anness certifikat immarkat Dok. "A".).

Illi mill-istess zwieg twieldu zewgt itfal u cjoe’ Charlene u Rodianne (skond l-annessi certifikati mmarkati Dok. “B” u Dok. “C”.).

Illi l-hajja konjugali bejn il-konvenut u l-attrici konjugi Xeureb ma ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, swat, minacci, eccessi u insulti gravi *da parte* tal-konvenut u b’hekk iz-zwieg tfarrak b’mod irremedjabbli tort ta’ l-istess konvenut.

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata li tipprezenta din l-istanza permezz ta’ digriet numru 760/98 f’dan is-sens moghti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta’ Gunju 1998 (Dok. “D”).

Illil-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-konvenut u l-ismemmija martu Tereza Xeureb ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

2. Tawtorizza l-istess Tereza Xeureb tghix separata mill-konvenut zewgha.

3. Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Charlene u Rodianne, ulied l-istess konvenut u l-attrici jigu fdati lill-istess Tereza Xeureb.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-martu Tereza Xuereb ghaliha u ghall-imsemmija tfal Charlene u Rodianne dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici.

5. Tapplika interament jew in parti dawk id-disposizzjonijiet tal-**Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta)** u separatament tordna li l-attrici Tereza Xeureb tigi moghtija il-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali.

6. Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-

kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lil Tereza Xeureb u l-ohra lill-istess konvenut billi, jigi nominat perit biex jaghmel likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni, nutar biex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapresenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-istess martu l-beni kollha dotali u parafernali taghha.

8. Tordna lill-konvenut sabiex jivvaka mid-dar matrimonjali b’effett immedjat u tordna illi d-dar matrimonjali ghandha tkun ghall-uzu esklussiv tal-attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili u dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat fil-21 ta’ Awissu 1998 kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista ta’ xhieda a fol 3 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici datata 31 ta’ Awissu 1998 degretat fit-2 ta’ Ottubru 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi fl-interess ta’ uliedu l-esponent ma xtaqx jissepara minn martu minkejja l-fatt li ghall-zmien mhux hazin tbeghdet minnu fi kwalunkwe sens.

2. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi l-fatti imsemmija minnha m’humiex minnhom, bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux biss l-imgieba skorretta tal-attrici taghat lok ghas-separazzjoni *de facto*, imma din is-separazzjoni *de facto* hadet spinta talli l-istess attrici abbandunat minn rajha id-dar matrimonjali, tant li anke’ zarmat id-dar matrimonjali hlief il-*main bedroom* u ftit ghamara li ma rnexxilhiex tohodhom

peress li l-istess eccipjenti waqqaf lill-attrici, liema aspetti jimmillitaw kontra l-attrici. Ta’ min isemmi li tul dan il-perjodu, l-istess attrici ipprezentat varji rikorsi u holqot ghidut biex tiggustifika l-imgieba taghha, pero’ jidher li ma ssibx oggezzjoni biex tkun fil-presenza ta’ terza persuna l-gurnata kollha tas-sess oppost.

4. Illi l-istess attrici ikkomettiet atti skoretti matul iz-zwieg, anke’ ta’ adulterju, liema aspetti jigu ppruvati fit-trattazzjoni tal-kaz.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess attrici qieghda taghti ezempju hazin liz-zewg uliedhom minuri billi l-hin kollu tkellimhom hazin, iktar u iktar meta *nonostante* din l-igieba skoretta ma ssibx diffikolta u ma tantx tiddejjaq tkun fil-kumpanija ta’ ragel tas-sess oppost, liema haga ser tigi ppruvata fl-andament tal-kawza.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-dar matrimonjali kienet mikrija lill-eccipjenti sentejn qabel ma izzewweg lill-attrici u *nonostante* l-fatt li l-attrici marret tghix f’fond separat kif inhu indikat fil-process tal-Qorti, l-iskop principali tal-procedura hu biex tizgombra l-eccipjenti mill-fond u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-ttrattazzjoni tal-kawza.

7. Illi l-attrici qed taghmel minn kollox u dan biex issahhah l-argument tal-bzonn ghaliha, li tichad lill-eccipjenti milli jara lil uliedu biex b’hekk, ghal kull bwon fini t-tfal qed jigu strumentalkizzati f’dawn il-proceduri odjerni u dan kontra l-interess tal-istess minuri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu a fol.13 tal-process;

Rat il-**kontrotalba tal-konvenut** datata 30 ta’ April 1999 a fol.15 tal-process fejn ippremetta:-

Illi huwa ghandu ghal qalbu l-gid ta’ uliedu, ikun idejali kieku s-separazzjoni ma sehhx.

Illi jidher li martu qed tinsisti ghas-separazzjoni u l-esponent ghandu ragunijiet validi sabiex jitlob lil din il-Qorti tara l-htijiet ta' martu.

Illi l-istess martu hija hatja ta' eccessi, sevizzji, minacci, u ingurji gravi u peress li mhuwiex fl-interess ta' uliedu minuri li jghixu mal-attrici.

Illi ghalhekk talab li din il-Qorti:-

a. Tippronunzja separazzjoni personali bejnu u bejn martu Theresa Xeureb.

b. Takkordalu l-kura u l-kustodja ta' uliedu Rodianne u Charlene minhabba ezempju hazin li qeghda taghtihom l-attrici.

c. Tordna l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti f'iqsma indaqs bejniethom.

Bl-ispejjez kontra l-attrici Theresa Xeureb ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu a fol.15 *et seq* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduta tas-16 ta' Gunju 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Veronica Galea Debono biex tigbor il-provi u tirrelata;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici datata 23 ta' Gunju 1999 ghall-kontro-talba tal-konvenut a fol.19 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi t-talbiet tal-konvenut Lawrence Xeureb huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk jimmeritaw illi jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-konvneut ma ghandux ghal qalbu l-gid taz-zewgt itfal minuri taz-zwieg. Tant hu hekk illi l-konvenut ma ha l-ebda pass biex jiffissa access ghaz-zewgt uliedu, u ghall-kuntrarju, qieghed jaghmel minn kollox biex jaljenahom minnu.

3. Illi minkejja l-protesti kollha ta’ imhabba lejn it-tfal tieghu u lejn martu, l-konvenut qatt ma hallas il-manteniment stabbilit mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili fir-rigward tat-tfal tieghu jew lill-martu.

4. Illi l-istess tfal minuri qieghdin jibzghu minn missierhom bl-agir vjolenti tieghu.

5. Illi ghalhekk ghandhom jigu michuda t-talbiet tal-konvenut bl-ispejjez kollha kontrih.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol. 20 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Jannar 2000.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju nkluza dik tad-19 ta’ Ottubru 1999 fejn xehdet l-attrici; 8 ta’ Frar 2000 fejn kompliet tixhed l-attrici, tat-22 ta’ Marzu 2000 fejn kompliet tixhed l-attrici; l-istess fis-seduta tas-17 ta’ April 2000, fejn xehdet ukoll Carmen Bonello; tat-22 ta’ Gunju 2000 fejn xehdet Carmela Bonello; tat-18 ta’ Lulju 2000 fejn xehed Alfred Caruana Pettett; tat-12 ta’ Ottubru 2000 fejn xehdet l-attrici; 9 ta’ Novembru 2000 fejn xehed it-tabib Dr. Christopher Zarb.

Rat il-verbal tas-seduti tal-15 ta’ Mejju 2000; tat-13 ta’ Novembru fejn il-Qorti giet mitluba tisma’ l-provi hi. Il-Qorti wara li semghet lill-Assistent Gudizzjarju laqghet it-talba; tal-15 ta’ Jannar 2001; tat-22 ta’ Frar 2001; tal-4 ta’ April 2001; tad-29 ta’ Mejju 2001; tal-24 ta’ Lulju 2001; tas-26 ta’ Ottubru 2001 fejn xehdet l-attrici u fejn giet milqugha t-talba tal-attrici sabiex tressaq bhala xhieda lil Dr. Joseph Cassar u Dr. Mariella Blackman; tat-8 ta’ Frar 2002 bil-procedura tal-affidavit. Tali seduti kollha saru quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta tat-20 ta’ Frar 2002 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia biex jisma’ l-provi kollha dwar il-kaz u fejn inghata digriet tal-affidavits attrici.

Dan id-digriet ghall-affidavits attrici reggha gie ripetut fit-2 ta' Mejju 2002.

Rat ir-rikors tal-Kummissarji tat-Taxxi Interni datat 19 ta' Lulju 2001 u rat id-Digriet taghha datat 24 ta' Lulju 2001.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia inkluza dik tat-8 ta' Mejju 2002 fejn xehed il-konvenut prodott mill-attrici; tas-6 ta' Gunju 2002 fejn xehed Mario Kitcher prodott mill-attrici; Anthony Saliba prodott mill-attrici; u lill-attrici stess fejn xehdet fl-istess seduta; verbal tas-seduti tal-10 u 27 ta' Settembru 2002 fejn ma sar xejn.

Rat ir-rapport ta' Dr. Joseph Cassar minnhu guramentat fl-10 ta' Novembru 2001 a fol. 93 tal-process fejn irrakomanda li hu fl-interess tal-minuri li l-kaz fil-Qorti jinghalaq mill-iktar fiss possibbli fl-interess tal-minuri minnu ezaminata.

Rat ir-rapport ta' Dr. Mariella Blackman mhux mahluf datat 7 ta' Dicembru 2001 a fol. 99 tal-process.

Rat in-nota ta' Dr. Mark Busuttil datata 25 ta' Marzu 2002 fejn irrinunzja ghall-patroncinju tal-konvenut.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 3 ta' Lulju 2002 u r-risposta tal-attrici datata 17 ta' Lulju 2002.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 14 ta' Frar 2002, fejn il-Qorti cahdet it-talbiet kollha li hemm fl-istess rikors *stante* li jirrizulta li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2002; u tal-4 ta' Dicembru 2002 fejn il-Qorti rat il-verbal taghha precedenti u ddikjarat l-provi attrici maghluqa. Il-konvenuta u d-difensur taghha msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju; l-konvenut inghata digriet tal-affidavits konvenut.

Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu u ta' Charlene Xuereb datat 23 ta' Jannar

2003 u iehor datat 23 ta’ Awissu 2002 u ta’ Charlene Xeureb datat 23 ta’ Jannar 2003;

Rat il-verbali tas-seduti tat-13 ta’ Frar 2003 fejn Dr Emy Bezzina ddikjara li Charlene illum hija maggorenni u Rodianne qed ikollha l-access mal-konvenut u qed jissugerixxi access ta’ tlett darbiet. Il-konvenut jahdem bhala cleaner u ghandu ntrojtu ta’ Lm274 fix-xahar u qed jallega li l-mara tahdem. Bhala komunjoni qed jallega li ma hemm xejn u d-dar matrimonjali qed jghix fiha hu b’kera ta’ Lm80 fis-sena u ghandha taghlaq f’Mejju li gej. Dr Zammit Montebello tikkontendi li l-minuri ta’ 15-il sena ghandha tithalla fil-liberta’ biex tara lil missierha. Dwar manteniment l-attrici ma tahdimx u l-manteniment provizorju huwa ta’ Lm180 fix-xahar, ghall-attrici u zewg ulied li ghandu jitnaqqas proporzjonalment peress li wahda mill-ulied hija maggorenni. Fuq komunjoni jidher li ma hemm xejn u lanqas fuq id-dar matrimonjali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Marzu 2003 fejn Dr Zammit Montebello pprezentat nota b’diversi dokumenti in risposta ghal nota bl-affidavit tal-konvenut.

Rat il-verbal  tal-20 ta’ Marzu 2003 fejn Dr. Bezzina ghall-konvenut nforma lill-Qorti li dwar il-pendenzi *pendente lite* u d-digriet li hemm *in vigore* l-konvenut lest li jhallas l-istess B’Lm10 fix-xahar pero’ Dr. Bezzina ghandu jesebixxi nota bi prospett fi zmien 15 il-gurnata dwar xi pagamenti li l-konvenut qed jallega li saru lill-uliedu li ghandha tigi notifikata lill-kontro-parti bi zmien 15 il-gurnata ghar-risposta. Dr. Zammit Montebello tiddikjara li dan mhux accettabbli. Id-difensuri tal-partjiet iddikjaraw li dwar komunjoni ma hemm xejn x’jillikwidaw, l-istess dwar id-dar matrimonjali u ma hemmx probema dwar il-kura u kustodja tal-minuri Rodianne. Dr. Zammit Montebello tinsisti li l-manteniment ghandu jkun bi tnaqqis tal-manteniment ta’ binthom Charlene li saret maggorenni billi ghalqet 18 f’Jannar 2003.

Rat in-nota tal-konvenut fejn esebixxa prospett ta’ ammonti ta’ flus li allegatament ghadda lill-uliedu a fol 174 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Mejju 2003 fejn l-attrici ddikjarat li ilha ma tircievi manteniment ghaliha u ghal uliedha ghal circa tlett snin. Dr Zammit Montebello talbet li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Dr Emy Bezzina msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 2004.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attrici** xehdet diversi drabi. Hija bdiet biex tispjega kif iltaqghu u waslu ghaz-zwieg. Illi wara hames xhur ta' zwieg harget tqila. Pero' qabel dan kienu jiggieldu hafna u kien allegatament jheddidha li kien ser isawwatha izda ma kienx refa' jdejh. Huwa kien kuntent li harget tqila pero' kien jistaqsi jekk hux tieghu. Hija qalet li kien nervuz mat-tarbija meta kienet tibki u kien allegatament jhedded li ser isabbatha ma' l-art. Wara tlett snin mit-twelid tal-ewwel tifla kellhom tarbija ohra.

Illi hija lmentat li sa minn mindu kellhom it-tfal zghar zewgha ma kienx jaghtiha bizzejjed flus tant illi meta kienu jimirdu kien ikollha tistenna lilu biex iggib it-tabib biex tistennih jaghtiha l-flus. Hija qalet li hu kien ighajjarha halja pero' hi cahdet li kellha xi delizzji. Min-naha tieghu kien ihobb il-kacca u anki snieter kellu u kien ukoll membru ta' klabb ta' bocci. Hija sostniet li dejjem kien hemm problema ta' flus bejniethom tant li qalet hekk :

*"Bil-flus li r-ragel kien jaghtini ghall-bzonnijiet ta' kuljum ma kinux iservuni u gieli kelli ntella djun mal-grocer u tal-hwienet. Anke' ghall-hwejjeg tat-tfal inhallas bin-nifs."*

Illi dan anki jekk apparti l-*full time* mal-gvern huwa kien jahdem ukoll bhala bajjad u fl-eghlieqi pero' qatt ma kien ighidilha kemm jaqla'. Huwa kien jaghtiha Lm160 f'idejha kull xahar sabiex tixtri l-affarijiet tal-ikel, tad-dar, ghall-

bzonnijiet tat-tfal u biex thallas il-kontijiet u medicini. Meta kienet titolbu aktar hi ssostni li kien jaqbad jidghi u ghalhekk kien ikollha tmur tissellef minghand il-girien. Hija ghamlet ukoll perjodu tmur tahdem darbtejn fil-gimgha.

Illi l-attrici kompliet li hi bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni minhabba *"l-agir tal-konvenut li kien jibda jidghi u juza' kliem fahxi hekk kif kien jidhol mill-bieb ta' barra tant li anki t-tfal kienu jippruvaw iwaqqfuh milli jghidi".* Hi qalet li maghha kien igib ruhu ta' annimal u ma kienx jaghti kazha. Kien imur id-dar biss biex jinhasel u jorqod ghax kien iqatta' hin fil-klabb tal-bocci. *Inoltre'* allegat li r-ragel kellu mara ohra u dan saret tafu, fi kliemha stess, *"ghax ir-ragel ma kienx ikollu kuntatti sesswali mieghi u ghax darba kien dahal id-dar b'zewg pari zraben tat-tfal u 4 blouses tan-nisa u l-ghada kien hareg bi blouse wiehed u zewg pari zraben. Kieku kien ried jirritornhom kien jiehu kollox lura u mhux blouse wiehed biss".* Ukoll xehdet li ma kienx jaghti kaz lit-tfal.

Illi rigward il-manteniment ordnat permezz tad-Digriet tas-Sekond'Awla datat 18 ta' Gunju 1998 (fol. 98) fejn l-konvenut gie ordnat sabiex ihallas lill-attrici l-ammont ta' Lm66 u lill-minuri l-ammont ta' Lm120 fix-xahar b'dan l-konvenut ihallas il-kera tad-dar u l-konsum tal-ilma u da-dawl jithallas mill-attrici hija qalet li l-konvenut gie ordnat jaghtiha Lm186 fix-xahar ghaliha u ghat-tfal u huwa qatt ma ta xejn. Infatti kellha tapplika ghas-*social assistance (relief)* u hadet xi passi bl-avukat. Lanqas biss ghaddielha parti mic-*cheque* li tahom il-Gvern ghas-sussidju tal-hobz.

Illi hi qalet li zewgha kien ikun dejjem lest ghaliha u ghat-tfal, u t-tfal kienu mwerwrin minnu ghax kienu jafu li kien izomm mus fuq il-bank tal-kcina. Skond hi t-tfal qatt ma hamilhom ghax hu dejjem subien ried.

Illi hija kienet cemplet Merhba Bik izda ma setghux izommuha u rrangawlha sabiex tmur tghix ma' familja gewwa Haz-Zabbar kunjomhom Bonello u ghadhom maghhom izda jghixu go kamra wahda minghajr ebda facilitajiet ghad-dispozizzjoni taghhom. Zewgha baqa' jghix god-dar konjugali. Minn dakinhar li hi u t-tfal telqu

mid-dar ir-ragel lanqas darba ma wera xi nteress fit-tfal anzi meta jarahom idawwar wiccu. Huwa qatt ma talabha biex jarahom *nonostante* li kellu dritt ghall-access.

Illi hija qalet li qabbdet lill-*counsellor* Dr. Mariella Blackman ghat-tfal. Hija xehdet li t-tifla l-kbira kienet qed tbati minn *depression* kbira u esebiet ic-certifikati relattivi. Hija cahdet li ghandha xi ragel iehor. Hija qalet li hi hadet il-hwejjeg personali u tat-tfal taghha. Hadet ukoll il-kamra tas-sodda tat-tfal. Pero' god-dar fadal il-*grillioso*, it-*television,* il-*video*, xi fannijiet, il-*washing machine* u *spin dryer*.

Illi **Carmen Bonello** xehdet li ilha taf lill-konvenut minn mindu kien ghadu zghir. Lill-attrici saret tafha minn mindu t-tifel tax-xhud beda jizfen bhala partner mat-tifla tal-kontendenti. Hija qalet li fil-bidu, Tereza ma kinitx tohrog maghhom ghal *competitions* minhabba li ma kellhiex flus. Fil-fatt gieli hallsitilha hija u anki hallset ghall-mizata tat-tifla. Imbaghad ix-xhud u zewgha saru hbieb mal-kontendenti u gieli kienu jieklu ghandhom. Hija qalet li l-konvenut minn dejjem jaghti lill-attrici mill-aghar. Huma kienu dejjem jiggieldu. Semmiet okkazzjoni meta rat lill-konvenut jaghti Lm180 lill-martu bhala flus li kellhom iservu ghal xahar izda wara ftit minuti talabha Lm20 ghalih. Illi meta l-attrici sabet il-bicca tac-*cheque* li kien juri kemm qala' x-xhud kien vicin ta' Lm500. Hija taf ukoll li Lawrence kellu wkoll xoghol *part-time* bhala waiter mad-ditta King li hija *confectionery,* kif ukoll fir-raba' u bhala bajjad.

Illi hija tiftakar lill-partijiet jiggieldu fuq il-flus sahansitra fuq l-affarijiet ta' l-iskola tat-tfal li tkun xtratilhom. Huwa kien jikkritika l-hin kollu. L-attrici spiccat biex marret tghix maghha flimkien mat-tfal minhabba l-glied kontinwu u minhabba l-fatt illi kemm hi kif ukoll it-tfal bdew jibzghu mill-konvenut. Huma bdew jghixu ghandha mill-21 ta' Jannar 1999. Minn dakinhar hu ma ppruvax jara t-tfal. Illi meta fil-11 ta' Mejju 2000 ghamel rikors biex jara lit-tfal Tereza accettat mill-ewwel izda t-tfal it-tnejn irrifjutaw. B'hekk gabu lil  Dr Christopher Zarb, it-tabib tal-familja, biex ikellimhom u rrilaxxja certifikat mediku. Miz-zmien li

marru jghixu ghandha l-konvenut qatt ma hallas il-manteniment stabilit, kellha tapplika ghar-*relief* u fethet diversi proceduri kriminali u b'hekk l-attrici thallset il-manteniment kollu dovut lilha sat-18 ta' Mejju 2000. Illi rigward il-problemi tat-tifla l-kbira Charlene spjegat illi kienet qed tigi kurata mill-psikjatra Dr. Joseph Cassar u t-tabib Dr Josie Muscat u ta' kull zjara jhallsu huma. Hija hallset dawn il-kontijiet li jammontaw ghal izjed minn Lm1,000.

Illi **Lawrence Xuereb** xehed li jahdem bhala purtinar u l-paga tieghu hija ta' mitjen (Lm274) fix-xahar net. M'ghandux qliegh apparti l-paga. Ir-raguni ghalfejn ma kienx qed ihallas manteniment kienet ghax l-avukat tieghu tah dik l-istruzzjoni. Huwa m'ghadux jahdem bhala *waiter* u qal li kien iqabbdu l-*head waiter* Tony Saliba. Dak iz-zmien kien itih Lm80 kuljum. Dan kien darba fix-xahar.

Illi fix-xhieda tieghu huwa qal li r-relazzjonijiet taghhom bdew sejrin hazin minn mindu martu qabdet mal-familja Bonello u bdiet tmur tigri maghha, aktar u aktar mar-ragel. Hi bdiet titlaq mid-dar u tmur ghandhom u d-dar tkun mill-anqas biex torqod biss. Din kienet ir-raguni ghax infirdu. Hi kienet telqet mid-dar u hadet li kellha tiehu. Id-dar matrimonjali hija mikrija minghand haddiehor.

Illi wara li telqet mid-dar ma kienx baqa' kuntatt ma' xulxin. It-tfal bdiet tiskarthom minnu u ma kienx jarahom. Allegatament hi bdiet taqla' hafna gideb u tahwid fuqu. Cahad li ghandu mara ohra kif ukoll li qatt sawwatha. Xehed li ghaddielha dan l-ahhar xi manteniment.

Illi t-tifla l-kbira llum qed tghix mieghu. Huwa jsostni li bil-paga li ghandu jridu jghaddu hu u bintu u jrid ilahhaq mad-diversi spejjez. Huwa sostna wkoll li l-mara tieghu meta allegatament kienet ma' Fredu Bonello kienet tahdem fil-hanut tieghu. Huwa ma jridx jaghtiha manteniment ghax mhux f'posizzjoni li jaghmel dan. Ghalkemm qal ukoll li lest biss jaghti Lm40 fix-xahar ghall-manteniment ghat-tifla sakemm tigi biex tibda tahdem.

Illi hu xehed li meta t-tfal kienu jmorru jarawh kien jaghtihom il-flus biex jixtru xi affarijiet u biex ikollhom flus f'idejhom. Infatti esebixxa notament sabiex juri l-ammonti li tahom. Rigward proprjeta' xehed li m'hemmx. Huwa ghandu karozza u mutur. Il-kamra tas-sodda kien xtraha qabel iz-zwieg u l-kamra tat-tfal haditha l-mara.

Illi **Charlene Xuereb** xehed li hi taf bl-inkwiet bejn il-genituri taghha. Hi taf li ommha telqet mid-dar minhabba l-familja Bonello ghax huma gennewha biex titlaq u hi abbandunat lil missierha. Hija l-ewwel kienet m'ommha imma peress li nqalghu xi problemi ma' l-gharus taghha ppreferiet li tmur ma' missierha. Hija ghandha kuntatti m'ommha u ohtha. Hija xehdet li ommha gieli qaltilha li tixtieq terga' tirranga ma' missierha. Hija qalet li tahdem *part-time* u minn dak li taqla' tutilizzah kollu ghall-htigijiet taghha u xi kultant jghinha missierha li jhallas ghal kollox hu.

**III. APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

**(a) Adulterju**

Illi ghalkemm iz-zewg kontendenti jallegaw fil-konfront ta' xulxin li kkomettew adulterju, huma ma ressqu l-ebda prova konkreta u konkluziva dwar dan hlief ghad-dikjarazzjonijiet maghmula minnhom fx-xhieda rispettiva taghhom. *Inoltre'* r-ritratti ezebiti mill-konvenut mhumiex prova konkluziva la fir-rigward ta' adulterju u lanqas ghal allegat xoghol li hija ghandha ghax f'dawk ir-ritratti ma jidher li qed isir xejn kompromettenti.

Illi kwindi jidher mill-atti processwali li din l-allegazzjoni ma giet bl-ebda mod sostanzjata, u din il-Qorti ma thossx li dan l-aggravju vantat mill-attrici effettivament gie ppruvat mill-istess fil-grad ta' prova rikjest mil-ligi.

**(b) Swat**

Illi l-attrici inkludiet dan l-aggravju bhala wahda mir-ragunijiet ghat-tifrik taz-zwieg taghha, u mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess konvenut kien aggressiv hafna *verso*

martu specjalment meta din kienet titolbu flus izjed ghall-hajja. Illi l-Qorti thoss li din l-allegazzjoni giet ppruvata sostanzjalment u dan *stante* li l-versjoni tal-attrici hija iktar versosimili minn dik tal-konvenut, li jidher li ghandu nuqqasijiet serji fil-karattru tieghu mhux l-inqas, kif ser jinghad iktar il-quddiem li ma kien qatt lest li jmanti lill-attrici u lill-uliedu dicentement. Fil-fatt id-digrieti tal-Qorti tas-Sekond'Awla Civili gew in gran parti injorati; meta ma kienx hemm dawn id-digrieti jidher car li l-istess konvenut ma kienx ser joqghod ghat-talbiet legittimi ta' martu li jossoministralha manteniment dicenti.

**(c) <u>Minacci, Eccessi u Insulti Gravi</u>**

Illi dan l-aggravju hu vantat kemm mill-attrici fic-citazzjoni, kif ukoll mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu.

Illi l-attrici xehdet li problema kbira bejniethom kienet li zewgha, ghalkemm li kien jahdem xogholijiet ohra apparti l-*full time job,* kien ihalliha nieqsa mill-flus. Dan sahansitra anki ghall-bzonnijiet tat-tfal kemm jekk edukattivi jew medici. Kien itiha Lm160 fix-xahar u l-ispejjez ta' hajja u kontijiet kienu kollox f'idejha. Minhabba f'hekk qalet li gieli anki marret tiddejjen. Hi sostniet li min-naha tieghu ir-ragel kellu d-delizzji tal-kacca u kellu anki snieter u kien membru tal-klabb tal-bocci mentri hi qatt ma kellha delizzji. F'perjodu minnhom harget tahdem darbtejn fil-gimgha biex tkun tista' tghaddi. Hija kompliet li meta gieli talbitu flus aktar huwa kien jaqbad jidghi. Illi hi ddecidiet li tibda l-proceduri ghas-separazzjoni minhabba :

*"L-agir tal-konvenut li kien jibda jidghi u juza' kliem fahxi, hekk kif kien jidhol mill-bieb ta' barra tant li anki t-tfal kienu jippruvaw iwaqqfuh."*

Illi min-naha tieghu l-konvenut sostna li l-inkwiet bejniethom beda meta martu bdiet taghmilha mal-familja Bonello u bdiet tkun anqas id-dar. Charlene, binthom il-kbira, fix-xhieda taghha qalet li ommha telqet mid-dar ghax proprju kienu gennewha din il-familja biex taghmel hekk.

Illi din il-Qorti thoss bl-iktar mod perzwaz u konvint li wara li rat u ezaminat bir-reqqa il-provi kollha prodotti li r-raguni vera li tat lok ghall-istess talba ta' firda personali kienet il-kattiverja u x-xehha tal-konvenut li ghamel minn kollox sabiex ma jissoministrax manteniment lill-attrici u lil uliedha, u fil-fatt din kienet ir-raguni ghaliex l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar ghaliex kull darba li kienet titolbu flus ghall-hajja kull darba kien jaqla' xenata, u fil-fatt kellha issib rifugju ma' familja li tidher li hennet ghaliha u ghal uliedha; dan il-komportament tal-konvenut ma jidhirx li jista' jkun hemm dubju fuqhu ghaliex din il-Qorti setghet tinnota li l-konvenut lanqas biss ghamel tentattiv sabiex ihallas il-manteniment lilu ordnat biex ihallas mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili b'digriet datat 18 ta' Gunju 1998. Offra li jhallas Lm10 fix-xahar fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2003. Dan juri f'liema estrem wasal il-konvenut, li *nonostante* id-dikjarazzjonijiet tieghu fid-dikjarazzjoni u l-kontro-talba minnu pprezentata, u fix-xhieda tieghu fejn qal li ma hallasx manteniment ghaliex hekk kellu parir li jaghmel mid-difensur tieghu, huwa baqa' dejjem inadempjenti u dan minkejja l-fatt li jidher li l-konvenut kien jaghmel iktar minn xoghol wiehed ukoll, ghalkemm il-manteniment *pendente lite* gie iffisat fuq ix-xoghol *part time* tieghu. Il-Qorti tinotta wkoll li l-konvenut waqt is-seduti ppruva jittenta izomm lill-*employer* tieghu milli jaghti dettalji dwar l-introjtu tieghu, u b'hekk jidher car li l-istess konvenut, li baqa' wkoll jghix fid-dar matrimonjali pprova jaddotta kull mossa mbasta jevita' li jhallas manteniment.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' swat, minacci, eccessi u mohqrija u kien ghalhekk li l-istess zwieg tkisser irremedjabilment, b'dan li l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali b'uliedha. Illi dwar l-allegazzjonijiet tal-konvenut fil-konfront tal-attrici dawn assulutament ma gewx ippruvati, anzi jidher u jirrizulta li l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar ghaliex litteralment ma felhitx aktar dan il-maltrattament *da parte* tal-konvenut.

Illi jidher car minn dan kollu li bejn din il-koppja kien hemm problema ta' komunikazzjoni ghax il-konvenut ma jidhirx li

kien kapaci jitkellem fuq din is-sitwazzjoni finanzjarja bil-kwiet imma kien jinfexx f'ghajjat u dagha.

Illi l-atteggament tat-tnejn li huma jammonta ghal sevizzi li gie definit hekk fil-kawza **"Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud"** (P.A. 30 ta' Gunju 1961) *"certi fatti, kliem u mod ta' azzjoni jew attegjament li jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji…"* Illi l-atti l-ohra attwibwieti lill-konvenut jikkwalifikaw u jikkonferma l-premessi l-ohra kollha attrici.

## (d) <u>Komunjoni ta' l-Akkwisti</u>

Illi fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2003 id-difensuri ddikjaraw li dwar komunjoni m'hemm xejn x'jigi likwidat. In verita' jidher li l-attrici cediet dak il-ftit li kien hemm lill-konvenut, wara li hija hadhet xi oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, b'dan li l-konvenut zamm dak li kien baqa' fid-dar konjugali inkluz l-vettura. Illi *in vista* tal-verbali tal-istess partijiet din il-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi ddikjarata xolta b'effett mit-18 ta' Gunju 1998 fil-waqt li bhala divizzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kull parti ghandha izzomm l-oggetti kollha mobbli li fil-fatt jinsabu fil-pussess taghha, bl-kirja tal-fond matrimonjali tibqa' f'idejn l-konvenut, biss ghaliex l-istess attrici ma jidhirx li ghad ghandha interess fiha.

## <u>(e) Dar Matrimonjali</u>

Illi kif inghad dwar id-dar matrimonjali din bhalissa tinsab okkupata mill-konvenut flimkien ma' bintu maggorenni. Din kienet inkriet mill-konvenut qabel iz-zwieg u ddikjara li l-istess kera se taghlaq f'Mejju. Illi l-attrici fit-tmien talba taghha talbet li l-konvenut ghandu jigi ordnat jivvaka mid-dar matrimonjali u din ghandha tkun ghall-uzu esklussiv taghha. Izda din it-talba giet sorvolata bid-dikjarazzjoni maghmula mill-attrici stess fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2003 fejn jidher li l-attrici cediet u rrinunzjat ghal kull interess fl-istess, u biss minhabba din il-konsiderazzjoni l-istess dar matrimonjali ghandha tibqa' f'idejn il-konvenut.

**(f) Kura u Kustodja**

Illi meta nfethu l-proceduri odjerni iz-zewgt itfal tal-kontendenti kienu minuri. Fil-mori tal-kawza Charlene Xuereb saret maggorenni. Kwindi tibqa' biss il-kwistjoni dwar il-minuri Rodianne.

Illi fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2003 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'hemmx problemi dwar il-kura u l-kustodja taghha. Illi b'hekk jigi deciz li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri ghandha tigi fdata f'idejn Tereza Xuereb bid-drittijiet tal-access tal-missier Lawrence Xuereb. Illi fis-seduta tat-13 ta' Frar 2003 Dr Bezzina ghall-konvenut iddikjara li Rodianne qed ikollha access mal-konvenut u ssuggerixxa access ta' tlett darbiet f'gimgha. Dr Zammit Montebello kkontendiet li l-minuri ta' 15-il sena ghandha tithalla fil-liberta' biex tara lil missierha.

Illi din il-Qorti thoss li l-minuri ghandha jkollha access mal-missier ta' darbtejn fil-gimgha almenu ta' siegha kull darba; pero' rigward il-granet u l-hinijiet jinghad li dawn ghandhom jigu ffissati bi ftehim bejn l-istess minuri u mill-missier. Dan ghaliex ghalkemm qed nitrattaw dwar minuri pero' din illum ghandha eta' u maturita' bizzejjed biex tkun tista' tara f'liema granet u hinijiet ikun l-ahjar ghaliha biex tiltaqa' ma' missierha; fl-istess waqt din l-Qorti tirrakomanda li minkejja dan kollu l-minuri ghandha tithalla fil-liberta' sabiex tara lill-missierha, u bl-ebda mod ma ghandha ssir pressjoni fuqha minn wahda mill-partijiet.

**(g) Manteniment**

Illi l-manteniment provizorju huwa ta' Lm186 fix-xahar li kien ghall-attrici u dak iz-zmien iz-zewg uliedha l-minuri. Illi kif diga' inghad il-bint il-kbira saret maggorenni f'Jannar 2003 u kwindi ghandu zgur jitnaqqas ammont relattiv. Illi l-konvenut iddikjara li ghandu ntrojtu ta' Lm274 fx-xahar mix-xoghol tieghu ta' *cleaner*. Mid-dokument a fol. 79 tal-process jirrizulta li fis-sena 2001 huwa kellu salarju gross ta' Lm3,689 ekwivalenti ghar-rata ta' Lm307.41 fix-xahar. Minbarra dan almenu sas-sena 2000 jidher li kien jithallas *allowances/ overtime* sostanzjali li huma kollha indikati

f'Dok. "B" a fol. 80 tal-process. Fil-fatt ghas-snin 1996 u 1997 jidher li t-total ta' introjtu tal-konvenut mil-impjieg tieghu bhala *general hand* kienu ta' Lm5,188.761 *gross* u Lm4,822. 84,1 netti u Lm4,757.10 gross u Lm4,385 netti rispettivament (fol. 46 u 47 tal-process).

Illi huwa ddikjara li m'ghandux qliegh iehor hlief dan u li minn din il-paga huwa jrid ihallas ghall-ghixien tieghu u llum ta' bintu. Hemm allegazzjoni li l-istess konvenut jahdem *part time* wkoll u jirrizulta li f'xi zmien hekk kien jaghmel ghalkemm l-ammont ezatt ma giex kwantifikat; mill-provi din il-Qorti hija konvinta li l-istess konvenut kien jaghmel xoghol iehor. Huwa sostna wkoll li lest ihallas Lm40 fix-xahar ghall-minuri izda mhux lest jaghti l-ebda manteniment lill-mara filwaqt li jallega li hija tahdem.

Illi l-istess konvenut allega li l-attrici tahdem u esebixxa xi ritratti sabiex jipprova l-istess izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti din ma hijiex prova sufficjenti, apparti l-fatt li l-attrici apparti li sselfet xi flus biex tghix u applikat ghall-ghajnuna socjali, ma kinitx qed tigi mantnuta minn zewgha *pendente lite.*

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut ghandu l-obbligu li jmantni kemm lill-martu u kemm lill-bintu minuri, u din il-Qorti wara li hadhet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz id-dikjarazzjoni tal-attrici nnifisha fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2003 fejn iddikjarat li b'referenza ghad-digriet tas-Sekond'Awla *"ghandu jkun hemm tnaqqis tal-manteniment ta' binthom Charlene"* li saret maggorenni f'Jannar 2003, ttiehdu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-manteniment li Lawrence Xuereb ghandu jaghti lill-martu u lil bintu Rodianne huwa ta' mija u sitta u ghoxrin Maltija fix-xahar (Lm126) kull erba' gimghat, kwantu ghall-sitta u sittin lira Maltija (Lm66) kull erba' gimghat ghall-attrici, u kwantu ghall-sittin lira Maltija (Lm60) kull erba' gimghat ghall-minuri b'effett mid-data ta' din is-sentenza. L-istess ammont ta' manteniment ghandu jibda' jithallas kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza attwali tal-attrici, u l-istess ammont ta' alimenti ghandu jitnaqqas direttament mis-salarju tal-konvenut mill-*employer* tieghu, u jinbaghat

direttament lill-attrici fir-residenza taghha, u ghal dan l-iskop tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-istess *employer* tal-konvenut sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhhu skrupolozament ma' din l-ordni.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li l-istess konvenut naqas li jhallas manteniment *pendente lite* lill-martu u lill-uliedu kif ordnat li jaghmel permezz ta' digriet datat 18 ta' Gunju 1998; Illi l-attrici sostniet li l-istess konvenut ma hallasx manteniment ghall-ahhar tlett snin cirka, anke' tenut kont tad-data tal-imsemmi Digriet li hija ta' hafna izjed minn tlett snin. Illi ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna wkoll lill-konvenut li jhallas lill-attrici is-somma ta' hames t'elef, hames mija u tnejn u tlettin liri Maltin (Lm5,532) bhala arretrati ta' manteniment dovuta mill-konvenut lill-attrici, bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza u dan tali rrizulta ppruvat li l-konvenut ma osservax id-digriet ta' manteniment *pendente lite.* Din is-somma hekk likwidata giet ikkalkulata bis-somma globali ta' Lm6,696 (Lm186 x 12 x 3 = Lm6,696) ghall-manteniment ta' tlett snin, li minnhom tnaqqset *arbitro boni viri* wkoll l-ammont ta' Lm400 li l-konvenut qal li hallas lill-attrici, u l-ammont ta' Lm764 li huwa sostna li hallas lill-minuri (ghalkemm in verita' ma hemm xejn sostanzjat – pero' min-naha l-ohra dan mhux *per se* kontradett. (Kalkolazzjoni Lm6,696 – Lm400 – Lm764 = Lm5,532)

Illi fl-ahharnett ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48** *in toto.*

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u fl-waqt li **tichad is-seba' (7) u tmien (8) talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra kollha biss fis-sens hawn deciz** b'dan ill :-

(1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' Tereza u Lawrence Xuereb ghar-ragunijiet imputabbli biss u esklussivament lill-konvenut konsistenti fi swat,

minacci, eccessi u mohqrija u kien ghalhekk li l-istess zwieg tkisser irremedjabilment, b'tort uniku tal-istess konvenut.

(2) Tawtorizza lil Tereza u Lawrence Xuereb jghixu separati minn xulxin;

(3) Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Rodianne ghandha tigi fdata f'idejn Tereza Xuereb bid-dritt ta' access ghall-missier ghal darbtejn fil-gimgha ta' almenu siegha kull darba fil-granet u l-hinijiet li ghandhom jigu miftehma bejn il-missier u l-istess minuri Rodianne, b'dan pero' li l-istess minuri ghandha tithalla fil-liberta' sabiex tara lill-missierha, u bl-ebda mod ma ghandha ssir pressjoni fuqha minn wahda mill-partijiet. Tordna lill-attrici a spejjjez taghha tinnotifika b'kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess minuri.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lil martu Tereza Xuereb ghaliha u ghal bintha s-somma ta' mija u sitta u ghoxrin Maltija (Lm126) kull erba' gimghat, kwantu ghall-sitta u sittin lira Maltija (Lm66) kull erba' gimghat ghall-attrici, u kwantu ghall-sittin lira Maltija (Lm60) kull erba' gimghat ghall-minuri b'effett mid-data ta' din is-sentenza. L-istess ammont ta' manteniment ghandu jibda' jithallas kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza attwali tal-attrici, u l-istess ammont ta' alimenti ghandu jitnaqqas direttament mis-salarju tal-konvenut mill-*employer* tieghu, u jinbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha, u ghal dan l-iskop tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-istess *employer* tal-konvenut sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhhu skrupolozament ma' din l-ordni.

Illi *inoltre* din il-Qorti tordna wkoll lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici is-somma ulterjuri ta' hames t'elef, hames mija u tnejn u tlettin liri Maltin (Lm5,532) bhala arretrati ta' manteniment dovuta mill-konvenut lill-attrici, hekk hawn likwidati konsegwenti ghan-nuqqas tieghu li josserva id-Digriet ghall-hlas ta' manteniment *pendente lite* skond kif degretat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Gunju

1998, u dan bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza kollox kif fuq indikat f'din id-decizjoni.

5. Tilqa' l-hames talba u tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto,* u tordna li l-attrici jkollha l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

6. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett mit-18 ta' Gunju 1998 filwaqt li bhala likwidazzjoni u divizzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kull parti ghandha izzomm l-oggetti kollha mobbli li fil-fatt jinsabu fil-pussess taghha, bl-kirja tal-fond matrimonjali tibqa' f'idejn l-konvenut, biss ghaliex l-istess attrici ma jidhirx li ghad ghandha interess fiha.

7. Tichad din it-talba minhabba nuqqas ta' provi.

8. Tichad din it-talba peress li jidher mill-atti li l-attrici rrinunzjat ghall-istess.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

Illi din il-Qorti thoss li z-zewgt partijiet tawlu l-proceduri bla bzonn anke' minhabba l-pika esegaerata taghhom, tant li filwaqt li l-attrici damet zmien twil sabiex taghlaq il-provi taghha, l-konvenut jirrizulta li apparti li baqa' in gran parti inadempjenti ghall-osservzzjoni tad-digrieti tal-Qorti, ghamel minn kollox sabiex jostakola l-proceduri anke' billi oppona ghal diversi drabi li l-introjtu tieghu jigi indikat, b'dan li dawn in-nuqqasijiert wasslu biex il-kawza titwal bla bzonn u ghalhekk din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lilll-attrici thallas is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) bhala spejjez adizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u min-naha l-ohra lill-konvenut hallas is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru fi zmien sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenut,** din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attrici

rikonvenzjonata in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li kif gja premess fic-citazzjoni attrici **tichad it-tieni talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu, tilqa' *in parte* l-ewwel u t-tielet talba tal-istess konvenut fil-kontro-talba tieghu biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

(a) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-konvenut u l-attrici kif gja gie dikjarat skond l-ewwel talba tac-citazzjoni attrici ghar-ragunijiet imputabbli biss u esklussivament lill-konvenut konsistenti fi swat, minacci, eccessi u mohqrija u kien ghalhekk li l-istess zwieg tkisser irremedjabilment, b'tort uniku tal-istess konvenut u b'hekk qed tichad ir-ragunijiet vantati mill-konvenut fil-konfront tal-attrici fil-kontro-talba tieghu.

(b) Tichad din it-talba *stante* li l-kura u l-kustodja tal-minuri Rodianne qed jigu fdati f'idejn l-attrici b'access kif indikat biss favur il-konvenut konsegwenti ghal dak deciz konsegwenti ghat-tielet talba attrici. Dwar Charlene jirrizulta li llum din hija maggorenni.

(c) Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett bejn il-kontendenti b'effett mit-18 ta' Gunju 1998 fil-waqt li bhala likwidazzjoni u divizzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kull parti ghandha izzomm l-oggetti kollha mobbli li fil-fatt jinsabu fil-pussess taghha, bl-kirja tal-fond matrimonjali tibqa' f'idejn l-konvenut, biss ghaliex l-istess attrici ma jidhirx li ghad ghandha interess fiha.

Bl-ispejjez kollha tal-istess kontro-talba ghall-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------